**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

John Pace *noe*

*versus*

Marco Farrugia *noe*

## Xogħol ta' Pubbliċità - Reklami - Ordni - Danni

*Is-soċjetà attriċi aġixxiet għal ħlas ta' bilanċ prezz għal xogħol ta' reklamar u għal danni konsistenti minn kanċellament ta' ordni.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriformat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi, filwaqt illi kkundannat lis-soċjetà attriċi tħallas bilanċ ridott, ma sabitx responsabbiltà għal danni.*

Il-Qorti:-

Is-soċjetà attriċi aġixxiet kontra s-soċjetà konvenuta b'dan l-att taċ-ċitazzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' xogħol ta' reklamar minnha esegwit fuq ordni tagħha;

"Premess illi s-soċjetà konvenuta ordnat, mingħand is-soċjetà attriċi, xogħol ta' reklamar u produzzjoni għall-benefiċċju tas-soċjetà konvenuta;

Premess illi, għalhekk, is-soċjetà attriċi ssupplixxiet u esegwiet dan ix-xogħol ta' reklamar u ta' produzzjoni illi ġie aċċettat mill-istess soċjetà konvenuta;

U premess illi s-soċjetà konvenuta issa tinsab debitriċi lejn l-attur *nomine* fis-somma ta' seba' mija, sitta u sebgħin lira Maltija u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm776.32) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' xogħol ta' reklamar u produzzjoni esegwit mill-attur *nomine* fuq l-inkarigu u għall-benefiċċju tas-soċjetà konvenuta;

U premess illi, inoltre, is-soċjetà konvenuta kienet inkarigat lis-soċjetà attriċi sabiex tesegwixxi skeda ta' reklami, fuq perijodu miftiehem bejn il-kontendenti, għall-benefiċċju ta' l-istess soċjetà konvenuta;

U premess illi l-istess soċjetà konvenuta kkanċellat din l-ordni mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi u b'konsegwenza ta' dan l-aġir, ikkaġunat danni lis-soċjetà attriċi, konsistenti f'telf ta' qligħ b'konsegwenza diretta tal-kanċellament ta' ordnijiet magħmula mis-soċjetà konvenuta;

U premess illi, nonostante interpellat diversi drabi sabiex iħallas il-bilanċ dovut minnu kif fuq spjegat u jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni minnu kkawżati lis-soċjetà attriċi, il-konvenut *nomine* baqa' inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

Talab għaldaqstant, jgħid il-konvenut *nomine* għaliex dina l-Qorti għar-raġunijiet premessi, u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna m'għandhiex;

Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' seba' mija, sitta u sebgħin lira Maltija u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm776.32) ammont dovut rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' reklamar u xogħol ta' produzzjoni esegwit mill-attur *nomine* fuq l-inkarigu u għall-benefiċċju tas-soċjetà konvenuta;

Tiddikjara lill-konvenut *nomine* responsabbli għad-danni konsistenti f'telf ta' qligħ, sofferti mill-attur *nomine*, bħala konsegwenza tal-kanċellament ta' ordnijiet magħmula mis-soċjetà konvenuta;

Tillikwida, prevja okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi, dik is-somma in linea ta' danni sofferti mill-attur *nomine* bħala konsegwenza tal-kanċellament ta' ordnijiet *magħmula mis-soċjetà konvenuta*;

Tikkundanna lill-konvenut *nomine* sabiex iħallas lill-attur *nomine* dik is-somma illi tiġi hekk likwidata";

Is-soċjetà konvenuta kkontestat it-talbiet attriċi b'dawn l-eċċezzjonijiet:

"Illi s-soċjetà konvenuta u dik attriċi kienu laħqu ftehim li a bażi tiegħu s-soċjetà konvenuta ordnat xogħol ta' reklamar u pubbliċità bil-kundizzjoni illi s-soċjetà attriċi ma tiffatturax l-ispejjeż ta' xogħol ta' produzzjoni u *artwork* relattivi għall-istess reklami u l-kumpens tas-soċjetà attriċi kellu jkun jikkonsisti f'kummissjoni;

Illi fl-arranġament milħuq bejn il-kontendenti kien ukoll *miftiehem illi s-soċjetà attriċi kellha tagħti skont ta' ħamsa fil-*mija (5%) ta' l-ispejjeż ta' pubbliċità lill-istess soċjetà konvenuta;

Illi nonostante dan il-ftehim, is-soċjetà attriċi, bi ksur ta' l-*istess, xorta waħda iffatturat ix-xogħol ta' produzzjoni tar-*reklami;

Illi l-ammont ta' Lm447.22 rappreżentanti in kwantu għal

Lm337.50 xogħol ta' produzzjoni ta' reklami u in kwantu għal Lm112.72 rappreżentanti l-iskont ta' 5% dovut għall-perijodu minn Jannar sa April, 1993, mhux dovut stante li skond l-arranġament ta' bejn il-kontendenti dawn ma kellhomx iħallsu ta' xogħol ta' produzzjoni u inoltre kellhom jiġu kkreditati bl-iskont ta' 5% fuq l-ammonti l-oħra dovuti;

Illi s-somma ta' Lm329.10 hija nfatti dovuta skond l-istess arranġament ta' bejn il-partijiet u l-konvenut *nomine* qiegħed jiddikjara li diġà ħallas l-istess somma mingħajr ammissjoni u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet suesposti;

*Illi s-soċjetà konvenuta dejjem onorat l-obbligi* kontrattwali tagħha u fl-ebda stadju ma kkanċellat xi nkarigu mogħti lis-soċjetà attriċi mingħajr raġuni valida fil-liġi u, għalhekk ma tistax tkun respnosabbli għad-danni fil-konfront tas-soċjetà attriċi;

Illi għar-raġunijiet suesposti, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu *miċħuda bl-ispejjeż* kontra s-soċjetà attriċi";

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'sentenza tas-26 ta' Frar, 1996, iddeċidiet il-kawża billi, filwaqt li rrespinġiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine*, laqgħet it-talbiet attriċi kwantu għal erba' mija u sebgħa u erbgħin lira Maltija u tnejn u *tletin ċenteżmu (Lm447.32) għall-ewwel talba, stante ħlas* akkont fil-mori tal-kawża u kwantu għal mija, tnejn u tmenin lira Maltija u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm182.72) dwar id-danni;

Jitħallsu wkoll mill-konvenut *nomine* l-interessi fuq l-ammont ta' tliet mija u disgħa u għoxrin lira Maltija (Lm329) għaż-żmien bejn l-14 ta' Mejju, 1993 u sa t-3 ta' Marzu, 1994,

ammontanti għal wieħed u għoxrin lira Maltija u għoxrin ċenteżmu (Lm21.20c) u l-interessi fuq l-ammont ta' erba' mija u sebgħa u erbgħin lira Maltija u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm447.32) mill-14 ta' Mejju, 1993, sal-ħlas effettiv fuq l-ammont likwidat in linea ta' danni ta' mija u tnejn u tmenin lira Maltija u erbgħin ċenteżmu (Lm182.40c). L-interessi jibdew jiddekorru biss mil-lum, data tas-sentenza sal-ħlas effettiv. Il-kap ta' l-ispejjeż kellu jitħallas interament mill-konvenut *nomine*;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Ikkunsidrat li huwa paċifiku li bejn il-kontendenti kien hemm ftehim viġenti li permezz tiegħu s-soċjetà konvenuta ordnat xogħol ta' reklamar u ta' pubbliċità kif ukoll ta' produzzjoni ta' *artwork* għall-istess fini ta' reklamar. Dan ix-xogħol effettivament beda jiġi esegwit iżda nqalgħu ntoppi u malintiżi bejn il-kontendenti u dan in-nuqqas ta' qbil ta lok għal din il-vertenza. L-attur *nomine* għadu jippretendi ħlas bilanċjali oltre danni, filwaqt illi l-konvenut *nomine* jsostni li huwa ħallas dak kollu li kien dovut minnu u dan per saldu u li ebda danni m'huma dovuti;

L-ewwel punt serju fejn jidher nuqqas ta' qbil huwa dwar il-ftehim innifsu. Filwaqt li l-attur *nomine* jirreferi għall-ftehim in iskritt - dok. A, fol. 6 tal-proċess - il-konvenut *nomine* invece kien kategoriku ħafna li l-ftehim kien biss wieħed verbali. Iż-żewġ kontendenti jaqblu li l-kitba a fol. 6 ġiet iffirmata minn ċertu Sandro Chetcuti, *li sfortunatament baqa' ma ġiex prodott* b'xhud la min-naħa u lanqas minn oħra. Iżda dwar l-intromissjoni ta' dan Chetcuti, il-konvenut *nomine* stess in kontro-eżami (fol. 61 *et seq*) jispjega hekk:

"... *il-firem fuq il-kuntratt esebit minn fol. 6 'il quddiem*

huma ta' Sandro Chetcuti għal Darna Properties. Dak iż-żmien kien speċi ta' *manager* dan Chetcuti, u kont inħalli f'idejh, kien awtorizzat biex jagħmel tali firem;

*Omissis*;

Dati, kont naf li kien hemm dati stabbiliti, però dawn kont inħalli f'idejn Sandro Chetcuti";

Issa meta l-posizzjoni kienet tali, il-konvenut *nomine* ma jistax jippretendi li l-ftehim ma kienx wieħed bil-miktub u skond dawk il-modalitajiet miftehma bejn l-attur *nomine* u Sandro Chetcuti. Il-konvenut *nomine* jgħid li dan Chetcuti in segwitu nformah li l-iskont ta' 5% ma bediex jidher fuq il-fattura u allura huma tterminaw il-ftehim unilateralment. Sadanittant però huma kienu ħallsu l-kontijiet għaż-żmien ta' bejn Jannar u Maruz, 1993. Min-naħa tiegħu però (ara fol. 38) l-attur *nomine* jgħid li għalkemm kien minnu li f'Mejju, 1993, huwa kien ġie avviċinat minn Sandro Chetcuti biex jagħtihom skont ta' 5% iżda huwa dan qatt m'aċċettah u di più ma kienx jifforma parti mill-ftehim li huwa laħaq mas-soċjetà konvenuta. Minbarra dan, l-attur *nomine*, jelabora kif ġej (ara fol. 37, il-ħames paragrafu):

"Aċċettajt li nagħmlilhom dan ix-xogħol kemm-il darba u hekk sar il-ftehim, illi x-xogħol ikun ikopri perijodu ta' sena, mhux għal żmien aqsar, li għalhekk ir-reklamar ħriġnih fuq perijodu ta' sena. Din kienet l-unika kondizzjoni li kien hemm";

Meta l-Qorti ġiet biex tiżen dak li xehed u pproduċa bħala prova l-attur *nomine* u dak min-naħa tal-konvenut *nomine*, sabet li l-versjoni ta' l-attur hija l-iżjed waħda attendibbli u li tagħmel sens;

*L-attur nomine* ppreżenta prospett indikanti l-pretensjoni tiegħu - ara fol. 55 tal-proċess. Dwar it-talba għall-ħlas dovut għal xogħol li laħaq sar jew kien dovut it-talba attriċi kienet oriġinarjament fis-somma ta' Lm776.32c. Fil-mori tal-kawża, il-konvenut *nomine* ħallas l-ammont ta' Lm329 u b'hekk jifdal bilanċ ta' Lm447.32 oltre interessi;

Dwar it-talbiet l-oħra konsistenti f'danni, l-attur *nomine* qiegħed jirreklama l-ammont ta' Lm364.80c rappreżentanti 10% fuq l-ammont ta' Lm3648 ta' reklami, li ġew ikkanċellati, u li għalihom kien intitolat li jitħallas 15% bħala kummissjoni. Il-Qorti tifhem li xi ammont ta' danni għal xogħol ġà ppreparat u reklami li ma ġewx utilizzati ġew realment sofferti mill-attur *nomine*, però mhix għal kollox sodisfatta bħala grad ta' prova prodotta biex l-attur *nomine* jiġġustifika l-ħlas ta' dan l-ammont kollu. Però għandu, fl-istess ħin, jiġi osservat li dok. A, a fol. 6, juri t-total ta' Lm4427.20c. Għalhekk arbitrio boni viri l-Qorti sejra tirriduċi din il-parti tat-talba bin-nofs (50%) jiġifieri għal Lm182.40c (mija u tnejn u tmenin lira Maltija u erbgħin ċenteżmu);

Għalhekk, b'kollox, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talbiet kollha b'dana li kwantu għall-ewwel talba fadal x'jitħallas il-bilanċ ta' Lm447.32c, oltre interessi, u kwantu għad-danni l-ammont ta' Lm182.40c, b'kollox għalhekk għas-somma ta' Lm629.72c (sitt mija u disgħa u għoxrin lira Maltija u tnejn u sebgħin ċenteżmu) oltre interessi";

Is-soċjetà attriċi aċċettat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u ssottomettiet ruħha għaliha. Appellat invece s-soċjetà konvenuta fuq diversi aggravji li essenzjalment jattakkaw il-ftehim li fuqu l-Ewwel Qorti bbażat il-konklużjonijiet tagħha;

Il-konvenut *nomine* kkontesta l-fatt li l-Ewwel Qorti

injorat dak li fil-fehma tieghu kien jikkostitwixxi r-rabta kontrattwali bejn il-kontendenti u ċjoè il-ftehim verbali li dwaru huwa xehed. Is-soċjetà attriċi nfatti ssostni li l-ftehim vinkolanti bejn il-kontendenti ntlahaq f'serje ta' laqghat bejn il-partijiet, wara li s-soċjetà appellata, f'tentattiv biex tikkonvinċi lis-soċjetà appellanti biex tuża s-servizzi taghha bhala *Advertising Agent*, ghamlu ċerti promessi u assumiet ċerti obbligi li kienu fondamentali biex il-partijiet jaslu fi ftehim. Dana fis-sens li, li kieku s-soċjetà attriċi m'ghamlitx ċerti promessi u m'assumitx ċerti obbligi, il-ftehim ma kienx isir;

Il-konvenut *nomine* jikkontendi illi wara dawn il-laqghat il-partijiet kienu ftehmu li soċjetà appellata tiġi nkarigata bhala *Advertising Agent* tas-soċjetà appellanti taht dawn il-kondizzjonijiet:

Illi s-soċjetà appellanti ma kellhiex tithallas ta' xoghol ta' produzzjoni u *artwork* ta' reklami, iżda l-hlas ta' l-istess soċjetà kellu jikkonsisti biss fil-kummissjoni li din kienet tirċievi minghand il-*media* li fuqhom kienu jsiru r-reklami;

Illi, inoltre, is-soċjetà appellata kellha taghti skont ta' 5% fuq l-ispejjeż ta' reklamar;

Illi ma ġie ddeterminat l-ebda terminu ghall-ftehim bejn il-partijiet;

Illi ma kien hemm l-ebda ftehim dwar esklussività u fil-fatt is-soċjetà appellanti kienet libera li tinkariga aġenti ohrajn;

Min-naha taghha però, is-soċjetà attriċi tikkontesta li dan il-ftehim qatt ġie milqugh, ghalkemm tikkonċedi li kienu saru diskussjonijiet dwar ċerti punti minn dawk imsemmija. Hekk per eżempju, l-attur *nomine* jghid li s-soċjetà minnu

rappreżentata kienet preparata li tagħti skont ta' 5% però taħt kondizzjoni li l-ftehim għar-reklamar kien ikun jestendi għal żmien ta' sena;

Li hu rilevanti f'dan l-istadju hu l-fatt li s-soċjetà attriċi torbot il-vinkolo kontrattwali li fuqu qed tibbaża l-pretensjoni tagħha ma' l-*invoices* rilaxxjati mis-soċjetà attriċi li fuqhom saret l-ordni u li kienu ffirmati mill-*Manager* ta' allura tas-soċjetà konvenuta;

L-Ewwel Qorti aċċettat din it-teżi u sostanzjalment rabtet il-konsiderazzjonijiet tagħha mal-kontenut ta' dawn l-*invoices* u kkonsidrathom li kien ftehim skritt li jorbot bejn il-kontendenti. Minn din iċ-ċirkostanza ta' kontradizzjoni bejn jekk il-ftehim kienx biss verbali jew le, l-Ewwel Qorti ukoll waslet għall-konvinċiment li l-versjoni tas-soċjetà attriċi kienet aktar kredibbli minn dik tas-soċjetà konvenuta;

Issa f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Il-provi miġbura quddiem l-Ewwel Qorti huma limitati għad-deposizzjonijiet ta' l-attur u tal-konvevut u għad-dokumenti esebiti mill-attur. Dan hu sfortunat għaliex il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ versjonijiet tista' tgħid opposti fuq elementi ta' prova li jistgħu b'xi mod jirrendu versjoni aktar attendibbli mill-oħra;

Huwa sorprendenti u sfortunat illi l-*Manager* tas-soċjetà konvenuta li effettivament innegozja materjalment il-ftehim fil-prattika meta saret l-ordni, għalkemm mhux il-bażi tal-prinċipju ta' l-akkordju, ma ġiex prodott bħala xhud. Dan kien ikun f'posizzjoni illi jillumina l-Qorti fuq diversi punti in kontestazzjoni;

Hu naturalment prinċipju bażilari li hu l-attur li jrid jipprova, qabel xejn, it-teżi tiegħu b'mod konvinċenti u fuq bażi ta' probabilitajiet;

Fejn id-dubbju dwar kif ġraw il-fatti jibqa' jissussisti u l-Qorti ma tkunx f'posizzjoni illi b'ċertezza tgħid liema miż-żewġ versjonijiet tal-kontendenti *tkun dik l-aktar kredibbli*, il-Qorti kien jeħtiġilha tmur għal dik il-prova ċerta li tirriżultalha fl-atti jekk din tkun tirriżulta u tapplika għal dik il-prova l-prinċipji legali li jirregolaw ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-kontendenti;

Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatti taħt eżami, safejn jirriżultaw ippruvati b'ċertezza mill-provi prodotti quddiemha, huma s-segwenti:

Ma hemmx dubbju illi bejn il-kontendenti kien hemm *ftehim li permezz tiegħu* s-soċjetà konvenuta *ordnat xogħol ta'* reklamar u ta' pubbliċità, kif ukoll ta' produzzjoni ta' *artwork* għall-fini ta' l-istess reklamar;

Ma hemmx dubbju illi x-xogħol li għalih is-soċjetà attriċi qed tirreklama l-pagament ġie effettivament esegwit u m'hemmx kontestazzjoni la dwar il-kwalità tax-xogħol u lanqas dwar il-prezz miftiehem, apparti l-kwistjoni ta' l-iskont allegatament promess;

Hemm il-prova ċerta li x-xogħol ġie esegwit skond l-*ordnijiet li jirriżultaw mill-invoices* esebiti mill-attur *nomine* u li jiffurmaw il-bażi tal-pretensjoni tiegħu;

Jirriżulta konflitt fil-provi dwar jekk kienx hemm jew le l-ftehim verbali allegatament milħuq kif pretiż mill-konvenut *nomine*. Għandu jingħad illi l-*invoices* fihom infushom huma

prova tal-kontenut tagħhom u għandhom jitqiesu li jorbtu s-soċjetà konvenuta in kwantu huma ġew iffirmati mill-*Manager* *tagħha li kien awtorizzat biex jinnegozja. Konsegwentement,* is-soċjetà konvenuta ma tistax ma tkunx obbligata bl-oneri li jirriżultaw minn dawk l-*invoices*;

Mill-banda l-oħra dawn l-*invoices* waħedhom ma kinux neċessarjament jeskludu l-possibbilità li l-ftehim bejn il-partijiet kien ukoll regolat b'akkordju verbali skond kif *pretiż* mill-konvenut *nomine*. Il-ftehim skritt ma kienx, f'sitwazzjon simili, neċessarjament jeskludi ftehim verbali anteċedenti. Anke għaliex *invoice ut sic* mhux neċessarjament kienet tinkludi l-kondizzjonijiet u l-modalitajiet kollha kif kellu jiġi esegwit l-appalt;

F'*sitwazzjoni però fejn* il-ftehim verbali ma jistax jingħad li ġie b'mod konvinċenti ippruvat, din il-Qorti jidhrilha li għandha tistrieħ fuq il-prova ċerta li tirriżulta minn dawn l-*invoices* u tiskarta, bħala mhux ippruvat, il-ftehim verbali allegat mis-soċjetà konvenuta. Kif għandha tqis ukoll bħala mhux ippruvat kull element ta' prova ieħor li l-attur *nomine ttanta jagħmel bix-xhieda tiegħu li ġie kkontestat u nnegat fid-*deposizzjoni tal-konvenut;

Din il-Qorti allura ser tikkunsidra l-aggravju ta' l-appellanti kif ukoll il-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti bażikament fuq il-prinċipju li kull min jagħmel xi xogħol kellu jitħallas tiegħu, una volta jiġi hekk ippruvat li għamel. *Omne labor optat premium*. Dan ix-xogħol jirriżulta mill-*invoices* - ordnijiet - rilaxxjati mis-soċjetà attriċi u ffirmati mill-*Manager* tas-soċjetà konvenuta u minn dawk il-kondizzjonijiet li fihom u minnhom jirriżultaw;

Bl-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji l-Qorti tagħmel is-

segwenti konsiderazzjonijiet ulterjuri:

Wieħed mill-punti in kontestazzjoni bejn il-kontendenti hu jekk dik is-soċjetà konvenuta kinitx obbligata li tħallas, kif qed tippretendi s-soċjetà attriċi, għal spejjeż ta' produzzjoni tar-reklami u *artwork*. Is-soċjetà appellanti tissottometti li s-soċjetà appellata qatt ma ffatturat lis-soċjetà appellanti ta' xogħol ta' produzzjoni jew *artwork* u dan kien evidenti mill-fatturi ta' Jannar u April, 1993. Is-soċjetà appellata għalhekk, sa dak iż-żmien, qatt ma ppretendiet ħlas għal dak ix-xogħol, għax kienet taf li ma kellha ebda dritt li tesiġi tali ħlas. Kien biss fl-14 ta' Mejju, 1993, bill-fattura nru. 4696 u ċjoè wara li r-relazzjonijiet kummerċjali bejn is-soċjetajiet kienu ġà spiċċaw, li s-soċjetà appellata dehrilha li kienet insiet tiffattura dan ix-xogħol. Dan hu aggravju ġustifikat u l-Qorti, minn eżami tal-fatturi esebiti, tasal għall-konvinċiment illi ċertament is-soċjetà attriċi m'għandhiex id-dritt li tesiġi l-pagament ta' l-ammont kollu li qed tippretendi li nkorriet fi spejjeż fil-produzzjoni tar-reklami. Infatti, mill-*invoices* illi s-soċjetà attriċi qed tikkunsidra bħala l-bażi tal-pretensjoni tagħha, jirriżulta li l-ewwel darba illi l-istess soċjetà ppretendiet illi *production costs not included herewith* kien fil-fattura ta' l-10 ta' Mejju, 1993. Fil-fatturi preċedenti, u ċjoè dik tat-2 ta' April, 1993, tas-27 ta' April, 1993 u tat-3 ta' Mejju, 1993 (dawn kollha għall-pubblikzzjoni tar-reklami fis-Sunday Times of Malta) kif ukoll fatturi oħra esebiti mis-soċjetà attriċi, imkien ma tirriżulta l-kondizzjoni espressament inkluża fil-fattura ta' l-10 ta' Mejju, 1993, illi fl-ammont tal-fattura li kellha tħallas is-soċjetà konvenuta ma kinux inklużi l-ispejjeż tal-produzzjoni tar-reklami;

Dikjarazzjoni din li impliċitament kienet tfisser illi s-soċjetà konvenuta kienet ser tiġi sussegwentement fatturata għal dawn l-ispejjeż. Għandu jkun ċar li una volta kondizzjoni ta' din l-importanza hekk espressa ma kinitx tirriżulta fil-fatturi l-oħrajn, wieħed hu għal kollox ġustifikat li jassumi li tali

kondizzjoni ma kinitx tapplika għalihom. Fir-rigward tal-fattura ta' l-10 ta' Mejju, 1993, din ġiet iffirmata mill-*Manager* tas-soċjetà konvenuta u fuq din l-*invoice* hu assuma l-obbligu li jħallas l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' dawk ir-reklami. *A contrario senso* fuq l-*invoices* l-oħra tali obbligazzjoni ma tirriżultax ippruvata;

Nuqqas ta' prova illi f'sitwazzjoni fejn is-soċjetà attriċi qed tistrieħ esklussivament fuq il-ftehim kif jirriżulta mill-iskritt u ċjoè minn dawn l-*invoices* mhux konsentit għaliha li tipprova aliunde li kien hemm ftehim ta' din ix-xorta. Dan ukoll għaliex kieku tali ftehim kien jeżisti wieħed kien jistenna li kien ikun rifless fl-*invoices* taħt eżami kif jirriżulta li ġie nkluż fil-fattura ta' l-10 ta' Mejju, 1993;

Issa minn eżami ta' l-*invoice* 4657 jirriżulta illi l-ispejjeż għall-*artwork* inkorsi fir-rigward tal-fattura ta' l-10 ta' Mejju, 1993, u li għalihom is-soċjetà attriċi rriservat dritt għall-ħlas hu kopert bl-"*item 23 x 2 columns for Sunday Times, one original used twice, Lm10.50*". Dan hu allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-uniku ammont li jirriżulta ppruvat fir-rigward tal-ħlas għall-*artwork* fil-produzzjoni tar-reklami skond l-ordni esegwita mis-soċjetà attriċi u taħt il-kondizzjonijiet jirriżultaw mill-fattura minnha mposti u aċċettati mis-soċjetà konvenuta. Dan ifisser illi l-ammont komplessiv ta' Lm334.50 li s-soċjetà attriċi kienet qiegħda tippretendi għall-ħlas ta' xogħol ta' produzzjoni esegwit minnha, kellu jiġi ridott għal Lm10.50, u hekk u f'dan is-sens is-sentenza appellata ser tiġi riformata;

*Aggravju ieħor tas-soċjetà appellanti jirrigwarda l-allegat* ftehim li s-soċjetà attriċi kellha tagħmel skont ta' 5% fuq il-valur tar-reklamar ordnat mis-soċjetà konvenuta. Una volta dan il-ftehim ma jirriżultax mill-prova ċerta tal-fatturi, dan l-aggravju ma jistax jiġi aċċettat għax tali ftehim kellu qabel xejn

jiġi b'mod konvinċenti ppruvat minn min jallegah;

L-aħħar aggravju tas-soċjetà appellanti jirrigwarda l-likwidazzjoni ta' danni li għamlet l-Ewwel Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju hu ġustifikat. Il-konvenut appellant infatti jissottometti li filwaqt li t-talba attriċi kienet waħda bbażata esklussivament fuq danni konsistenti f'telf ta' qligħ, l-Ewwel Qorti, filwaqt li ma ddikjaratx ruħha fuq din it-talba, ikkundannat lis-soċjetà appellanti tħallas danni għal xogħol ippreparat u reklami li ma ġewx utilizzati, nonostante li fl-ebda stadju ta' proċeduri tali danni la ġew mitluba u lanqas ippruvati. Bħala fatt dan hu korrett. Din il-Qorti tmur pass oltre u tgħid illi una volta din il-Qorti jidhrilha li l-istat tal-provi kien tali li l-ġudikant ma setax imur oltre dak li jirriżulta b'ċertezza mid-dokumenti u ċjoè mill-fatturi esebiti u una volta mkien f'dawn id-dokumenti ma jirriżulta xi ftehim li l-perijodu ta' l-appalt kien wieħed determinat, jew li s-soċjetà konvenuta kienet inadempjenti f'dan ir-rigward, it-talbiet għal-likwidazzjoni tad-danni ma jirriżultaw bl-ebda mod ġustifikati. Fil-fehma ta' din il-Qorti allura, la tirriżulta l-prova li s-soċjetà attriċi kienet ipproduċiet xi reklami fl-interss tas-soċjetà konvenut li ma ġewx utilizzati għax il-konvenut *nomine* rreċeda mill-ftehim qabel iż-żmien u lanqas jista' jingħad li kien hemm da parti tas-*soċjetà konvenuta xi kanċellament ta' ordni li qabel kienet* obbligat ruħha u ntrabtet biha. Mhux il-każ allura li jiġu likwidati danni u din il-Qorti ma taqbilx mal-konsiderazzjonijiet ta' L-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward;

*Mill-premess din il-Qorti tasal allura għall-konklużjoni li* l-ammont li għadu dovut mis-soċjetà attriċi, wara li tħallas lill-konvenut *nomine* fil-mori tal-kawża l-ammont ta' Lm329 li kien jaċċetta li kien dovut, huwa s-somma ta' Lm112.72 rappreżentanti l-iskont ta' 5% li s-soċjetà konvenuta rriteniet indebitament meta ma kellhiex hekk jedd li tagħmel, kif ukoll *is-somma ta' Lm10.50 rappreżentanti l-valur tal-produzzjoni*

tar-reklami koperti bl-*invoice* ta' l-10 ta' Mejju, 1993. B'kollox fis-somma ta' Lm123.22;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqgħu parzjalment u *tirriforma* s-sentenza appellata kif ġej:

Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* safejn dawn kienu konsoni mal-konsiderazzjonijiet fuq espressi u tirriforma s-sentenza appellata billi tirriduċi l-ammont li s-soċjetà attriċi għandha dritt tirreklama mingħand is-soċjetà konvenuta fit-termini tat-talbiet tagħha, għall-ammont ta' Lm123.22 in sodisfazzjon ta' l-ewwel *talba tagħha*. Tirriforma ukoll is-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu laqgħet it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attriċi u dawn invece tiċħadhom. Tikkundanna għalhekk lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi a saldu s-somma ta' Lm123.22 fuq liema ammont għandu jiddekorri l-imgħax legali mill-14 ta' Mejju, 1993, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Is-sentenza appellata qed tiġi riformata ukoll fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjeż. L-ispejjeż tal-prim'istanza għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-kontendenti, waqt li l-ispejjeż għal dan l-appell għandhom ikunu, kwantu għal terz a karigu tas-soċjetà konvenuta appellanti, u kwantu għal żewġ terzi a kariku tas-soċjetà attriċi appellata. Dana ukoll biex ikun rifless ir-rispettiv rebħ u telf tal-kontendenti.